**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Francis Formosa**

**Kumpilazzjoni Numru: 805/15**

**Illum, 16 ta' April, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Francis Formosa detentur tal-karta tal-identita` numru 409470M u jakkuzah talli flimkien ma' persuna ohra, nhar it-30 ta' Settembru 2015, ghall-habta ta' 12:45 ta' wara nofsinhar, min gewwa residenza nru 62 Oceana Court fi Triq it-Tamar f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' *flus kontanti u gojjelli* u dan ghad-dannu ta' David John Stevens, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u bil-lok bi ksur ***tal-Artikoli 262(1)(a), 263(a), 279(b) u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

2. Jakkuzah ukoll talli nhar it-30 ta' Settembru 2015 fl-istess hinijiet, lok u cirkustanzi imsemmija qabel, ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cio diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma tisskorrix l-valur ta' 1,164.69 ewro izda tiskorri

l-valur ta' 116.47 ewro ghad-dannu ta' David John Stevens, bi ksur ***tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

3. Jakkuza lil Francis Formosa talli fid-data, hinijiet, lok u cirkustanzi imsemmija qabel kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti lilu min diversi Qrati tal-Magistrati (Malta), mill-Magistrat *Dr S Meli LLD* nhar it-22 ta' Ottubru, 2009, il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat *Dr A G Vella LLD* nhar il-15 ta' Novembru, 2012 kif ukoll il-kundizzjonjiet moghtija lilu mill-Magistrat *Dr Josette Demicoli LLD* nhar l-1 ta' Settembru, 2014, u dan bi ksur tal-***Artikolu 579(1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

4. U jakkuzah ukoll aktar talli nhar it-30 ta' Settembru 2015 fis-1:35 ta' wara nofs in-nhar fi Triq it-Tamar f'San Pawl il-Bahar attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, b'xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi mis-servizz pubbliku fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghal l-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi min awtorita kompetenti bi ksur ta' ***Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkundanna lil-Francis Formosa ghal hlas lir-registratur tal-ispejjes kollha jew ta' parti mil-ispejjes li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti ta' proceduri, inkluz dawk tal-esperti li gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta u dan skond ***Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Il-Qorti giet mitluba biex fil-kaz ta' sejbin ta' htija ta' Francis Formosa titlob ghar re arrest u ghal konfiska ghaf favur il-Gvern ta' Malta kull depositu/i u garanzija/i u dan skond ***Artikolu 387 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*.**

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil-Francis Formosa bhala recidiv, b'sentenzi li huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra u dan ai termini barra li tinfliggi l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvedimenti ***tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet il-provi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Gunju elfejn u sittax (2016) li biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija u cioe':-

1. Fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(a), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 276, 277(b), 278(1)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-Artikoli 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-Artikoli 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti tal-inkjesta redatta mill-Magistrat Dr Aaron Bugeja (333/16) datati hmistax (15) ta' April elfejn u sittax (2016);

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih nhar it-tnax (12) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) u fejn huwa

ikkonferma tali ammisssjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha;

Rat illi l-imputat huwa akkuzat b'serq aggravat fost l-ohrajn bi vjolenza, recidiva u bi vjolazzjoni ta' digriet ta' liberta' provizorja u ghalhekk ma tistax hlief taghti sentenza ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(a), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 276, 277(b), 278(1)(3), 279(b) u 280(2), 579(1)(2) u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Francis Formosa** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih hlief it-tieni (2) akkuza u dan stante li ma kinitx fil-lista ta' akkuzi fin-nota tal-Artikoli tal-Avukat Generali, u ghalhekk tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) u erba' (4) xhur flimkien ma' multa ta' erbat elef ewro (€4,000) inkwantu ghar-raba' (4) akkuza.

Inoltre' u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat Francis Formosa ghall-hlas tal-ispejjez peritali naxxenti mill-inkjesta mertu ta' dawn il-proceduri (Dok. MGC) u dan ghas-somma ta' tliet mija u hamsa u sebghin ewro u hames centezmi (€375.05) pagabbli fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

L-imputat qed jigi kkundannat ukoll ai fini tal-Artikolu 579(1) u (2) ghall-konfiska tal-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) rapprezentanti d-depozitu fid-digriet tal-helsien mill-arrest mill-Magistrat Dr Josette Demicoli datat l-ewwel (1) ta' Settembru elfejn u erbatax (2014) u l-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000) ghandhom jghaddu favur il-Gvern ta' Malta. Ugwalment japplika ghas-somma ta' elf ewro (€1,000) bhala depozitu u hamest elef ewro (€5,000) bhala garanzija personali imposti mid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-

Magistrat Dr Anthony Vella u datat hmistax (15) ta' Novembru elfejn u tnax (2012).

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**